**17 ta' Mejju, 1963**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Emmanuele Agius

*versus*

Nicola Cassar

**Bord tal-Kera — Bżonn tar-Rikorrent — Fond Mikri għan-Negozju**

*Biex talba għar-ripresa ta' pussess ta' fond mikri, hu x'inhu, tista' issir taħt l-art. 10 (b) Kap. 109, jeħtieġ bħala l-ewwel kondizzjoni "sine qua non", illi jiġi pruvat grad raġonevoli ta' bżonn da parti tar-rikorrent, u din il-prova tmiss lilu.*

*F'dan il-każ l-intimat kien jikri l-cars, u f'dan il-fond kien iżomm xi karozza; ġie ritenut li għalkemm dan il-fond ma kienx kopert bil-liċenza tal-pulizija, fiċ-ċirkostanzi l-fond kien detenut mill-intimat għall-finijiet in konnessjoni u bħala parti integrali minn negozju tiegħu ta' kiri u bejgħ ta' karozzi, u bħala tali protett mill-liġi.*

Il-Qorti, rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Bord li jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi possess tal-garage Saint Sebastian Street, Valletta billi għandu bżonnu għall-użu tiegħu.

Rat id-deċiżżjoni ta' dak il-Bord tal-31 ta' Jannar, 1963 li biha t-talba ġiet milqugħa u ġie mogħti xahar żmien għall-

iżgumbrament spejjeż kontra l-intimat wara li l-Bord ikkunsidra:—

Illi r-rikorrent li xtara l-fond de quo minghand min kien krieh lill-intimat xehed illi jridu ghall-użu tieghu biex ipoġġi l-'car' fih: l-intimat pero jghid illi l-fond hu "ħanut" fis-sens tal-liġi ghaliex ipoġġi fih wieħed mill-motor cars li huwa ghandu ghall-kiri.

L-intimat huwa proprjetarju tas-City Garage u n-numru tal-'cars' tieghu ivarja minn 13 sa 20; fuq ic-City Garage ghandu permess tal-Pulizija ghal tlett 'cars' biss: hu ghandu postijiet oħra ukoll fejn ipoġġi l-'cars' tieghu oltre l-fond in kwistjoni. Fil-fond in kwistjoni jpoġġi motor car wieħed u l-istess 'car'.

Sid il-fond krieh lill-intimat u mbaghad bieghu lir-rikorrent; xehed illi huwa kien krieh lil ċetru Borg li kellu ħanut taż-żraben il-Belt bħala garage. Dan f'ċertu żmien qallu illi kien sejjer iwelli l-garage lill-intimat u kien gholliehʼ żewġ liri kera u rrikonoxxieh: ma kienx jafu u anqas kien jaf x'jaghmel u krielu l-post bħala garage, u qatt ma vverifika x'użu kien qieghed jaghmel mill-fond.

Fil-fehma tal-Bord l-intimat ma wasalx biex jipprova illi l-fond de quo ġie mikri lilu bħala "ħanut" fis-sens tal-liġi tal-kera: ghap-parti jekk post mikri biex wieħed ipoġġi fih wieħed mill-'cars' tal-kiri tieghu jsirx b'daqshekk protett mil-liġi tal-kera, jibqa' l-fatt illi ma rriżultax illi sid il-post meta krieh lill-intimat kriehulu ghall-fini li jużah ghan-negozzju tieghu. Il-fond kien sempliċement mikri bħala garage lil persuna li wellietu lill-intimat, u dan daħal fil-kirja ghall-istess fini: sid il-fond krieh lill-intimat biex jużah huwa bħala garage, minghajr biss ma kien jaf illi l-intimat kellu garage ghall-kiri tal-'cars'.

Rat ir-rikors li bih l-intimat appella minn dik id-deċiżżjoni u talab li tiġi revokata u t-talba ta' l-appellat tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

Rat ir-risposta ta' l-appellat li qal illi d-deċiżżjoni tal-Bord hi ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Din il-Qorti qalet ripetutament illi biex talba għar-ripresa ta' pussess ta' fond mikri, hu x'inhu, tista' ssir taħt l-artikolu 10 (b) tal-Kap. 109 jinħtieġ bħala l-ewwel kondizzjoni 'sine qua non' illi jiġi pruvat grad raġonevoli ta' bżonn da parti tar-rikorrent u li din l-prova tmiss lilu. Fil-każ preżenti dak kollu li jirriżulta mix-xhieda tar-rikorrent innifsu hu illi "hu jrid (il-fond) biex ipoġġi l-karozza tiegħu": xejn iżjed. Sempliċi xewqa jew preferenza ma tikkostitwiex bżonn u, minn dik ix-xhieda biss tar-rikorrent ma jistax jingħad li ġie pruvat li hu tassew għandu bżonn tal-fond għall-iskop li għalieh qal li jridu. Fin-nuqqas ta' provi l-Qorti ma tistax tissoponi jew tikkonġetura. Ikun deżiderabbli illi l-Bord jaċċerta f'kull każ li jkun jirriżulta dak il-bżonn u mhux biss sempliċi xewqa.

Apparti dan, pero il-Qorti tosserva dan li ġej. L-appellant xehed illi fil-garage in kwistjoni hu jżomm waħda mill-karozzi tiegħu tal-kiri. Hu jinnegozzja fil-kiri u anki fil-bejgħ tal-karozzi u l-karozzi li jżomm f'dan il-fond hi waħda minn dawk li bihom jagħmel in-negozzju tiegħu tal-kiri. Għad li hemm xi xhieda li qalu illi huma kienu jpoġġu xi karozzi tagħhom fil-garage ta' l-appellant, dana spejga illi huma ma' kienux qegħdin jirriferixxu għall-fond in kwistjoni iżda għal garage ieħor, peress illi hu għandu garage ieħor ġo West

Street. Infatti hu b'kollox għandu sitt garages ġol-Belt u kollha qegħdin għandu għall-istess skop ċioe għall-finijiet tan-negozzju tiegħu. Il-liċenza tal-Pulizija mhix fuq il-fond in kwistjoni iżda fuq il-garage prinċipali numru 84, St. Nicholas Street, Valletta u tispeċifika illi hu għandu tlett karozzi liċenzzjati għal 'garage hire' u waħda bħala "self-drive". Dawn il-karrozzi suppost li għandhom jinkrew minn dak il-garage u għandhom ikunu esposti għall-kiri hemm. Iżda dan ma jimpediex lill-appellant illi jkollu garages oħra fejn iżomm karozzi oħra tiegħu jew fejn iżomm karozzi tan-nies bi ħlas bħala parti mill-azjenda tiegħu jew bi ftehim ieħor fin-negozzju anki ta' bejgħ ta' karozzi.

Ma jirriżultax biżżejjed illi meta l-appellant ġie rikonoxxut bħala nkwilin minn Joseph Borg (li kien is-sid Preċedenti) dan kien jaf illi l-appellant kellu n-negozzju ta' garage owner u negozzjant tal-karozzi u sa fejn jaf hu l-appellant kera l-fond bħala 'garage'. Iżda sta di fatto illi l-appellant kera l-fond, u ħallas rigal biex ħadu taħt idejh u aċċetta anki awment ta' kera għaliex, kif qal, hu, kellu bżonnu, in konnessjoni man-negozzju tiegħu u mill-bidu beda hekk jużah. Joseph Borg xehed: "Jiena ma qadtx nivverifika x'użu fil-fatt kien qiegħed jagħmel mill-post l-intimat." Dan id-diżinteressament tas-sid jista' jfisser biss illi għalieh ma kienx jagħmel differenza jekk l-intimat jużah għall-skop pjuttost milli għal ieħor u, jekk fil-fatt l-appellant użah għall-finijiet tan-negozzju tiegħu li kien anke dak iż-żmien il-mestier abitwali tiegħu u kompla hekk jużah għaż-żmien kollu li l-fond ilu mikri lilu (ċioe kważi sitt snin) għandu jitqies li dak l-użu ma kienx vjetat u hu leġittimu.

F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti hi nklinata li tirritjeni u fil-fatt tirritjeni illi l-fond jinsab detenut mill-appellant għall-finijiet u in konnessjoni u bħala parti integrali minn negozzju

tiegħu ta' kiri u bejgħ ta' karozzi u bħala tali hu protett mil-liġi.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa l-appell, tirrevoka d-deċiżżjoni appellata u tiċħad it-talba ta' l-appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.